**21 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Vitor Mercieca

*versus*

Concetta Pisani et.

**Depożitu — Restituzzjoni tal-Ħaġa Depożitata — Azzjoni Rivendikatorja — Art. 2019 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-depożitarju għandu l-obligu li jirrestitwixxi l-ħaġa depożitata għandu lill-persuna li tkun ikkunsinnatielu in depożitu.*

*Jekk id-depożitarju ma jkunx irid jirrestitwixxi dik il-ħaġa għax jippretendi li hija tiegħu, u mhux ta' min iddepożitaha għandu, huwa għandu jipprova malajr u b'mod sommarju li l-ħaġa hija tiegħu; diversament, huwa għandu jrodd id-depożitu, salv id-dritt tiegħu li jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja biex jirreklama dik il-ħaġa, "si et quatenus".*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi f'Jannar 1959, jew fi żmien viċin, l-attriċi kkonsenjat lill-konvenuta Concetta Pisani bintha, u lill-żewġha, is-somma ta' £500 biex dawn iżommuhomlha in depositu għandhom; illi l-attriċi trid lura dawn il-flus, u l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jrodduhom lura; talbet li l-konvenuti jkunu kundannati minn din il-Qorti li jroddu lura lill-attriċi minnufih is-somma ta' £500 li l-attriċi kienet id-depożitat għandhom kif ingħad. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-5 ta' Mejju 1959, kontra l-konvenuti; u bl-imgħax legali minn notifika tal-imsemmi mandat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni esperita mill-attriċi hija l-"actio depositi", intiża biex il-konvenuti jroddu lura l-£500 li hija kienet ikkunsinnatilhom biex iżommuhomlha. Il-konvenuti ma kkontestawx din il-konsenja, iżda jippretendu li din saret mhux

b'titolu ta' depożitu, imma bħala restituzzjoni ta' flus appartenenti lill-konvenuta. U għalhekk jeħtieġ jiġi eżaminat jekk id-depożitu nvokat mill-attriċi jinsabx sostanzjat mill-provi;

Illi l-attriċi, fix-xhieda tagħha (fol. 13 u 14), qalet illi . . . . . . ;

Illi din il-versjoni tinsab korroborata mix-xhud Carmela Agius, ukoll bint l-attriċi (fol. 19 u 20). Hija xehdet illi l-konvenuta . . . . . . . ;

Illi l-versjoni tal-attriċi tinsab sostnuta wkoll mix-xhud Francesco Agius, kunjatu tagħha (fol. 98). Dan xehed illi . . . . . . . .;

Illi l-konvenuti ma kkontestawx iċ-ċirkustanzi fuq miġjuba deposti minn Carmela Agius . . . . . . ;

Illi konferma oħra nsibuha fil-fatt li l-konvenuta poġġiet il-£500 in kwistjoni "għalihom", għad li fl-istess Bank hija kien għad fadlilha flus tagħha . . . . ;

Illi, però, il-konvenuta ssostni li l-£500 kienu tagħha sa minn qabel ma żżewġet, u li ma poġġiethomx il-Bank għax l-attriċi qaltilha illi, jekk iż-żwieġ ma jirnexxix, żewġha ma jkunx jaf li għandha l-flus, u li fuq daqshekk hija lill-konvenut ma għarrfitux bil-£500 (fol. 61 u 62). Dan, però, ma jaqbelx ma' dak li kienet ġa xehdet, jiġifieri li fuq suġġeriment tal-attriċi hija għamlet il-kitba taż-żwieġ u semmiet fiha l-£500 (fol. 60);

*Omissis;*

Illi l-Qorti, mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni tal-proprijetà tal-flus, hija tal-fehma illi l-attriċi rnexxielha tipprova illi l-flus jinsabu f'idejn il-konvenuta b'titolu ta' depożitu; u peress li d-depożitu għandu bħala "uniku oġġett" tiegħu l-kustodja tal-ħaġa depożitata (Troplong, Deposito, §139), "in deposito", fil-kliem ta' Donello, "non quaeritur cuius res sit, sed quis deposuerit, et spectatur solum an ius intersit" (Ad Leg. 11, Cod. Deposit.); u kif josserva

Tito Carafa, "non è infatti sul diritto di proprietà che il deponente si basa per riavere la cosa, ma bensì sulla consegna fattane al depositario e sull'obligo da questo assunto, in forza del contratto, di restituire il deposito a colui che gliel'ha confidato" (Digesto Italiano, Deposito, §106). Veru illi l-konvenuti eċċepew illi l-flus in kwistjoni ma humiex tal-attriċi, u jappartjenu lill-konvenuta. u donnhom qegħdin jinvokaw l-applikazzjoni tal-art. 2019 tal-Kodiċi Ċivili. imma b'dan kollu, il-Qorti, fl-istat attwali tal-provi, ma tħossx li tista' tippronunzja ruħha dwar min huwa l-proprjetarju ta' dawn il-flus, u sejra tħalli mpreġudikata din il-kwistjoni, kif kostantement suġġerit mid-dottrina u mill-ġurisprudenza;

F'dan ir-rigward, kif josserva Pothier, "perchè ammettasi tale eccezione (i.e. tal-proprijetà) fa d'uopo che il depositario sia in grado di provare prontamente e sommariamente il suo diritto di proprietà, altrimenti la presunzione sta per colui che ha data la cosa in deposito. il quale si reputa possederla per di lui mezzo; ed esso deve essere condannato provvisionalmente a restituirgliela, salvo di poter egli intentare in seguito contro di lui l'azione di rivendicazione" (Deposito, §67);

F'dan is-sens huwa l-insenjament ta' Troplong (Deposito, §185): ta' Marcadè (Cod. Napol. art. 1946. §503); u Voet (Ad Pandectas. Lib. XVI, Tit. III. §9): kif ukoll ta' din il-Qorti fil-kawża "Bondin utrinque", deċiża fil-25 ta' Frar 1955 (Kollez. XXXIX-II-580);

Illi l-konvenuta naqset li tipprova malajr u b'mod sommarju li hija proprijetarja tal-flus in kwistjoni, u għalhekk ma tistgħax tinvoka l-applikazzjoni tal-art. 2019 fuq ċitat, u tibqa' treġi favur l-attriċi l-preżunzjoni naxxenti mid-depożitu; salva l-azzjoni rivendikatorja talvolta spettanti lill-konvenuta, "si et quatenus";

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż; bir-riżerva favur il-konvenuta tal-azzjoni fuq imsemmija.